## 13 ta' Mejju, 1953

### Imħallef :
### L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

John Mauro Micallef et. *versus* Maria Zammit

**Legat — Immissjoni fil-Pussess — Eredità Ġjaċenti.**

*Għalkemm id-decujus fit-testment tiegħu ma jistitwix eredi, l-eredità tibqa'; u sakemm dik l-eredità ma tiġix aċċettata minn min huwa msejjaħ għaliha, dik l-eredità hija ġjaċenti.*

*Sabiex il-legatarju jkun jista' jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat, mhux neċessarju li l-eredi jkunu magħrufa; għaliex, għalkemm il-legatarju għandu jitlob dik l-immissjoni minn għand l-eredi, fil-każ li dawk l-eredi ma jkunux magħrufa huwa jista' jitlob dik l-immissjoni kontra l-eredità rappreżentata minn kuraturi.*

*Barra minn dan, sakemm huwa ma jkunx ottjena dik l-immissjoni fil-pussess tal-legat, huwa ma jistax ikollu nteress li jkun jaf min huma l-werrieta tad-decujus.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi Andrea Spiteri, missier il-konvenuta, miet fis-16 ta' Settembru 1950 (dok. A), u b'testment fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tal-14 ta' Settembru 1948 (dok. B) huwa ma istitwiex werrieta tiegħu, imma biss ordna legat a favur tagħhom, billi ħallielhom dak li jmissu mill-fond nru. 98 St. Francis Street, Ħamrun, u għalhekk għandu jiġi kunsidrat li miet "ab intestato"; u illi l-konvenuta hija l-unika tifla ta' l-imsemmi Andrea Spiteri, u kwindi l-wirt tiegħu jmiss lilha skond il-liġi; u illi huma għandhom interess ikunu jafu min huma l-werrieta ta' l-istess Andrea Spiteri, biex ikunu jistgħu jillikwidaw kemm imisshom mill-fond fuq imsemmi, lilhom imħolli bħala legat, u jidħlu fil-pussess ta' l-istess; u illi l-konvenuta, avvolja nterpellata b'ittra uffiċjali tal-24 ta' Novembru 1951 (dok. C) biex tiddikjara jekk aċċettatx il-wirt ta' missierha Andrea Spiteri, u, f'każ li għadha ma aċċettatx, jekk hix biħsiebha li taċċetta, sal-lum għadha ma rrispondietx; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, din il-Qorti tiffissa żmien lill-konvenuta biex tiddikjara jekk tridx taċċetta jew tirrinunzja għall-wirt li ġej

lilha minn missierha Andrea Spiteri; u jekk jgħaddi inutilment iż-żmien hekk prefiss, il-wirt jiġi dikjarat rinunzjat da parti ta' l-istess konvenuta; u dan skond l-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23) Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'testment fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius tal-14 ta' Settembru 1948 Andrea Spiteri, mingħajr ma istitwixxa eredi, ħalla b'titolu ta' legat favur l-atturi kwalunkwe kwota ndiviża ta' proprjetà u dritt reali li huwa kellu mill-lok terran il-Hamrun, St. Francis Street, nru. 98, kif suġġett għaċ-ċens. Andrea Spiteri miet fis-16 ta' Settembru 1950; u l-konvenuta hija l-unika tifla tiegħu, u wkoll imsejħa għall-wirt tiegħu. Il-pretensjoni ta' l-atturi hija illi huma, skond il-liġi, għandhom jitolbu l-pussess ta' dak il-legat lill-werrieta (art. 763 Kap. 23), u, billi d-decujus ma istitwiex eredi, u l-konvenuta, kif ġà ntqal, hija msejħa għal dak il-wirt, huma għandhom *l-interess, anzi d-dritt, skond* l-istess liġi, iġegħluha tiddikjara tridx taċċetta jew le dak il-wirt (art. 909 Kap. 23), biex *ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom dwar lil min huma għan*dhom jitolbu l-pussess ta' l-istess legat. Fi kliem ieħor, l-atturi qegħdin, kif huma stess jissottomettu, jintentaw dina l-azzjoni bħala preordinata għall-oħra ta' immissjoni fil-pussess ta' dak il-legat, li trid issir kontra l-werrieta;

Illi, għalkemm id-decujus fit-testment tiegħu ma istitwiex eredi, l-eredità tiegħu tibqa', għaliex anki f'każ illi d-decujus "ha disposto di ogni sua sostanza per via di legati, resta tuttavia l'eredità..........." (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, art. 869, n. 3). Għal din l-eredità tad-decujus hija msejħa l-konvenuta, l-unika tifla tiegħu. Mid-dikjarazzjoni talkonvenuta, miġjuba man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha, jidher illi hija mhux biss ma aċċettatx, imma lanqas ma ddeliberat jekk taċċettax jew le dik l-eredità ta' missierha li għaliha hija hekk imsejħa. Dik l-eredità għadha, għalhekk, ġjaċenti, B'dan kollu, kif tajjeb tissottometti l-konvenuta, ma huwiex neċessarju illi l-eredi tad-decujus ikunu magħrufa biex il-legatarju jkun jista' jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat.

Hu veru li l-legatarju għandu jitlob dik l-immissjoni lill-eredi, imma jekk l-imsejħin għall-eredità ma jkunux aċċettaw l-eredità, it-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredità rappreżentata minn kuraturi (Kollez. Vol. XXXII—II—264), li huma l-leġittimi rappreżentanti ta' l-eredità. U dan għaliex l-effikaċja tal-legat mhix subordinata għall-aċċettazzjoni ta' l-eredità, u għalhekk "non sarebbe ragione per cui, all'apertura della successione, il legatario non potesse fare immediata domanda del lascito a chi dell'eredità ha la legittima rappresentanza" (Digesto Italiano, Successioni Testamentarie, n. 801);

Illi b'dan il-mod ma jistax jingħad illi l-atturi, biex jidħlu fil-pussess tal-legat fuq imsemmi, għandhom interess ikunu jafu min huma l-werrieta tad-decujus. U sakemm ma jkunux ġew immessi fil-pussess ta' dak il-legat, huma ma jistgħux jillikwidaw kemm imisshom mill-fond oġġett tal-legat; u għalhekk lanqas ma jista' jkollhom interess ikunu jafu min huma l-werrieta tad-decujus biex ikunu jistgħu jagħmlu dik il-likwidazzjoni qabel ma jkunu ġew immessi fil-pussess tal-legat (argum. App. 1. 6. 1936 "Vassallo La Rosa utrinque", Kollez. Vol. XXIX—I—675);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi t-talba ta' l-atturi, kif magħmula u formulata, mhix sostenibili, u għalhekk tirrespinġiha, bl-ispejjeż kontra tagħhom; salv lilhom kull dritt ieħor kontra min, kif u kemm il-darba skond il-liġi.